



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-12 ta' Frar 2020

L-Awdituri tal-UE jeżaminaw l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-baġit tal-UE

L-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi hija l-prattika fejn il-ġeneru jiġi kkunsidrat b'mod sistematiku waqt it-tnejn, it-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki u tal-attivitajiet. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed twettaq awditu biex tivvaluta jekk il-Kummissjoni għamlitx użu mill-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-baġit tal-UE biex tippromwovi l-ugwaljanza.

L-ugwaljanza bejn is-sessi hija wieħed mill-valuri fundamentali minquxa fit-trattati tal-UE. Skont studju reċenti mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), in-nuqqas ta' promozzjoni tal-ugwaljanza jista' jkollu effetti negattivi sinifikanti fuq l-impjiegi, il-produttività u t-tkabbir tal-PDG. L-EIGE sab ukoll li għalkemm kien hemm progress fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi fi ħdan l-UE mill-2013 'il hawn, il-progress bejn Stat Membru u ieħor kien irregolari.

Għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni kienu diġà qablu li, fejn ikun xieraq, japplikaw "elementi sensittivi għall-kwistjoni tal-ġeneru" fil-proċeduri baġitarji. Madankollu, rieżami intern reċenti tal-infiq relatat mal-programmi attwali tal-UE sab li l-ugwaljanza bejn is-sessi ma kinitx ġiet integrata fil-baġit tal-UE bl-istess mod bħat-tibdil fil-klima jew il-bijodiversità. Minflok, kienu ntużaw programmi speċifiċi, l-aktar dawk li jindirizzaw kwistjonijiet ta' impjiegi u dawk soċjali, biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sessi.

"Li jitqies il-ġeneru meta tittieħed deċiżjoni u jiġi implimentat il-baġit tal-UE huwa kruċjali fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel", qalet Eva Lindström, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditu. "Irridu naraw jekk il-Kummissjoni applikatx dan il-prinċipju fil-baġit tal-UE. Din hija analiżi importanti li ikun tajjeb li ssir flimkien man-negozjati li jinsabu għaddejnin bħalissa għall-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027".

Ir-rapport tal-awditjar, li huwa mistenni li jiġi ppubblikat fl-ewwel tliet xhur tal-2021, se jivvaluta b'mod partikolari jekk:

- hemmx qafas xieraq biex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi;

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-previżjoni ta' awditu maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

- il-QFP u l-baġits annwali tal-UE jinkorporawx perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi; u
- il-Kummissjoni hijiex kapaċi turi r-riżultati relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi tal-programmi ta' finanzjament prinċipali tal-UE.

L-ambitu tal-awditjar jinkludi l-Politika Agrikola Komuni (PAK), il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u l-programm Erasmus.

Noti lill-Edituri

L-ugwaljanza bejn is-sessi hija wieħed mill-valuri fundamentali tat-trattati tal-UE. It-Trattat ta' Ruma tal-1957 introduċa l-prinċipju ta' paga ugwali. L-impenn għall-ugwaljanza huwa espress kemm fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Kemm il-Kunsill kif ukoll il-Parlament Ewropew huma impenjati lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-Kummissjoni għandha rwol ewlieni f'dak li jirrigwarda l-inkorporazzjoni tat-tħassib dwar il-ġeneri fl-implimentazzjoni tal-programmi, kif ukoll fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tar-riżultati. Fl-2019, il-President il-ġdid tal-Kummissjoni, Ursula von der Leyen, poġġiet l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq quddiem nett fl-aġenda politika tagħha. Inħolqot kariga ta' Kummissarju għall-Ugwaljanza u bħalissa qed tiġi żviluppata strateġija ġdida tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, b'mod parallel man-negozjati relatati mal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss għall-2021-2027.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri Illum ippubblikat previżjoni ta' awditu dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi. Il-Previżjonijiet ta' Awditi jipprovdu informazzjoni dwar komputu tal-awditjar li jkun għaddej. Huma bbażati fuq xogħol ta' tnejn li jsir qabel ma jinbeda awditu u ma għandhomx jitqiesu bħala osservazzjonijiet, konklużjonijiet jew rakkomandazzjonijiet tal-awditjar.

Kuntatt għall-istampa għal din il-previżjoni ta' awditu

Claudia Spiti – E: claudia.spiti@eca.europa.eu
T: (+352) 4398 45765 / M: (+352) 691 553547